

Brussell, 21 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15571/25

LIMITE

COSI 231  
ENFOPOL 430  
CRIMORG 239  
CORDROGUE 152  
ENFOCUSTOM 194  
CATS 74  
RELEX 1510  
JAI 1709  
COPEN 351  
EUDA  
EUROPOL

#### NOTA

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	10270/24; 16293/24; 8913/25
Suġġett:	Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata - Rapport ta' sinteżi

---

#### Introduzzjoni

It-traffikar tad-droga kkoordinat mill-kriminalità organizzata jirrappreżenta theddida kbira għaċ-ċittadini, in-negozji u l-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll għall-ekonomija u s-sigurtà tal-Ewropa. Dan jidher b'mod ċar miż-żieda bla preċedent ta' drogi illeċiti disponibbli fl-Ewropa, b'mod partikolari l-kokaina mill-Amerka t'Isfel. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata qed jużaw dejjem aktar il-vjolenza estrema, l-infiltrazzjoni tal-ekonomija leċita u l-korruzzjoni, u b'hekk idgħajfu l-istat tad-dritt u jipperikolaw il-prinċipji fundamentali tad-demokrazija tagħna. Barra minn hekk, ir-reklutaġġ ta' minorenni u zgħażaġh vulnerabbli fil-kriminalità organizzata qed jintuża dejjem aktar minn networks kriminali. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal investiment f'politiki ta' prevenzjoni tal-kriminalità.

Fis-snin li ġejjin, it-traffikar tad-droga fl-UE, lejha u minnha huwa mistenni jibqa' theddida kbira, hekk kif il-profitti sostanzjali fit-traffikar tad-drogi jkomplu jimmotivaw in-networks kriminali<sup>1</sup>. L-adattabbiltà u s-sofistikazzjoni li bihom dawn in-networks jużaw tekniki ta' produzzjoni, teknoloġiji, strutturi legali, pjattaformi online u metodi ta' traffikar ġodda x'aktarx li jixprunaw kemm il-provvista tad-drogi kif ukoll id-domanda għalihom, u dan johlq sfida persistenti għas-sigurtà interna tar-reġjun u jikkawża impatti fuq is-saħħa u fuq l-ambjent<sup>2</sup>.

L-isfidi relatati mad-droga huma indirizzati permezz tal-qafas ġenerali tal-Istrateġija<sup>3</sup> u l-Pjan ta' Azzjoni<sup>4</sup> tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025. Huma jieħdu approċċ ibbażat fuq l-evidenza, ibbilanċjat u multidixxiplinari għall-fenomeni tad-drogi fil-livell nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali. Bħala parti mill-isforz li l-UE tkompli tagħmel biex tiġġieled it-traffikar tad-droga, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE biex jiġi miġġieled it-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata<sup>5</sup> stabbiliet 17-il azzjoni f'dan il-qasam li għandhom jiġu implimentati fl-2024 u l-2025.

Barra minn hekk, f'April 2025, il-Kummissjoni ppreżentat ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna<sup>6</sup>, li tistipula l-oġettivi u l-azzjonijiet f'oqsma ewlenin tas-sigurtà interna sabiex jiġu antiċipati u prevenuti t-theddidiet għas-sigurtà fis-snin li ġejjin, u jingħata rispons għalihom, inkluż it-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata.

F'dan il-kuntest, il-Presidenza Belġjana, dik Ungeriża, Pollakka u Daniża identifikaw diversi prijoritajiet u azzjonijiet tal-Pjan direzzjonali li għandhom jitmexxew 'il quddiem matul il-mandati tagħhom, bl-għan li jappoġġaw lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi u l-kriminalità organizzata. Peress li l-introduzzjoni tal-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata ser tintemm f'Diċembru 2025, l-għan ta' din in-nota tal-Presidenza huwa li tippreżenta r-riżultati ewlenin miksuba permezz tal-azzjonijiet prijoritarji identifikati mill-Presidenza Belġjana, dik Ungeriża, Pollakka u Daniża.

---

<sup>1</sup> Europol (2025), Valutazzjoni tat-Theddid tal-Kriminalità Serja u Organizzata - Id-DNA li qed jinbidel tal-kriminalità serja u organizzata, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, [EU-SOCTA-2025.pdf](#).

<sup>2</sup> L-EUDA u l-Europol, 2024, Is-Suq tad-Droga tal-UE: New psychoactive substances – In-depth analysis, [https://www.euda.europa.eu/publications/eu-drug-markets/new-psychoactive-substances\\_en](https://www.euda.europa.eu/publications/eu-drug-markets/new-psychoactive-substances_en).

<sup>3</sup> ĠU C 102I tal-24.3.2021, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU C 272 tat-8.7.2021, p. 2.

<sup>5</sup> ST 14114/23

<sup>6</sup> 7750/25

## Sitwazzjoni attwali

### **Azzjoni 1: Mobilizzazzjoni tal-komunità doganali kontra t-traffikar tad-droga**

L-għan ta' din l-azzjoni huwa li ssaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali bejn is-servizzi tal-pulizija u tad-dwana, inkluż permezz ta' koordinazzjoni bejn il-**Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT)** u l-pjan ta' azzjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi (Dwana) (LEWP-C).

L-Istati Membri flimkien mal-Kummissjoni ħolqu l-**Grupp tal-Proġett Doganali tal-Alleanza tal-Portijiet Ewropej (grupp tal-proġett)**. Waħda mill-kisbiet ewlenin hija l-**valutazzjoni** komprensiva tar-riskju tas-sitwazzjoni fuq il-post. Il-valutazzjoni tar-riskju ppermettiet li jiġu identifikati u mmappjati l-isfidi, il-lakuni u l-prattiki tajbin ewlenin fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga. Il-ħidma tal-grupp tal-proġett ġiet konklużi f'Jannar 2025 u l-aspetti operazzjonali ser ikomplu taħt l-**Alleanza Doganali tal-UE għall-Fruntieri (EUCAB)** li għadha kif ġiet stabbilita u li tkopri l-fruntieri tal-art, tal-baħar u tal-ajru.

Il-programm tal-**Istrument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali (CCEI)** ipprova appoġġ finanzjarju għal din il-prijorità. **Ġew allokat i aktar minn EUR 200 miljun għall-finanzjament ta' tagħmir tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku** li ser jgħin lill-awtoritajiet doganali jiskennjaw il-kontejners u mezzi oħra tat-trasport, u b'hekk tiżdied l-effettività tal-ġestjoni tar-riskji u l-kontrolli doganali.

Il-prijorità kienet fuq quddiem fl-aġenda tal-LEWP-C, kemm jekk rigward **it-tnedija u l-monitoraġġ ta' azzjonijiet relatati mad-droga inklużi fit-12-il Pjan ta' Azzjoni tal-LEWP-C 2024-2025** (il-produzzjoni illeċita u t-traffikar tal-kannabis, it-traffikar tal-kokaina fil-kunsinna marittima)<sup>7</sup> kif ukoll jekk dwar l-involvement doganali fil-**Jiem ta' Azzjoni Konġunta (JADs) tal-EMPACT relatati mad-droga**, b'enfasi partikolari fuq il-JADs li jindirizzaw it-traffikar tad-droga.

---

<sup>7</sup> 16376/3/23 REV 3

It-theddid, ix-xejriet u l-modi operandi kriminali ewlenin huma deskritti fil-**Valutazzjoni tat-Theddid Doganali** (CTA) 2025 maħruġa f'April (verżjoni ristretta)<sup>8</sup> u f'Ġunju 2025 (verżjoni pubblika)<sup>9</sup>. Is-CTA, flimkien mal-Valutazzjoni mill-UE tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (EU SOCTA 2025), kienu l-bażi għat-tnejjija tat-**13-il Pjan ta' Azzjoni tal-LEWP-C 2026-2027**. Il-pjan ta' azzjoni ġie maqbul mil-LEWP-C f'Ottubru 2025 u jinkludi azzjonijiet iffukati fuq il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga fil-fruntieri tal-art, tal-ajru u tal-baħar<sup>10</sup>.

Tnedew ukoll diskussjonijiet dwar kif **il-komunità doganali tista' tikkontribwixxi b'mod effiċjenti għall-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi**, b'mod partikolari fl-Amerka Latina u l-Balkani tal-Punent, fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi.

## **Azzjoni 2: Tisħiħ tal-operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi fil-portijiet**

L-għan ta' din l-azzjoni huwa li jissaħħu aktar l-infurzar koordinat tal-liġi u l-isforzi ġudizzjarji għall-investigazzjoni tan-networks kriminali responsabbli għal konsenji sekwestrati.

Inizjattiva importanti fi ħdan il-**Grupp tal-Proġett Doganali tal-Alleanza tal-Portijiet Ewropej** stabbilit mill-Kummissjoni f'Novembru 2023 (ara l-Azzjoni 1 hawn fuq) kienet sensiela ta' **żjarat portwali** fil-portijiet ewlenin tal-UE li ppermettew lill-esperti nazzjonali fil-qasam doganali jiskambjaw għarfien prattiku u jiksbu għarfien espert addizzjonali fl-indirizzar tal-isfidi marbuta mal-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata.

F'April 2024, id-dwana Ġermaniża organizzat il-**jiem Ewropej ta' kontroll fil-ġlieda kontra l-kuntrabandu tad-droga bil-baħar** (operazzjoni "UNDA"), li fihom ipparteċipaw 17-il Stat Membru tal-UE. Is-sekwestri tad-droga li rriżultaw minn din l-operazzjoni ammontaw għal madwar 11.5 tunnellata kokaina.

---

<sup>8</sup> WK 4256/2025 RESTREINT UE/EU RESTRICTED

<sup>9</sup> 5858/25

<sup>10</sup> 13314/2/25 REV 2

F'Marzu 2025, in-**Network Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam tal-Kriminalità Organizzata (EJOCN)** kellu l-ewwel laqgħa plenarja tiegħu, ippreseduta mill-Presidenza Pollakka. L-EJOCN huwa network ta' prosekuturi li għandu l-għan li jindirizza l-aspetti ġudizzjarji kollha tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Wara l-istabbiliment tal-EJOCN f'Ġunju 2024, il-Kunsill ippropona li, bħala l-ewwel prijorità, in-network jindirizza t-traffikar tad-droga, b'mod partikolari permezz ta' portijiet marittimi użati minn gruppi tal-kriminalità organizzata. L-ewwel laqgħa plenarja kopriet l-iżviluppi tal-każijiet u tal-politika fil-ġlieda kontra l-gruppi tal-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga. Dawn ġew diskussi wkoll fit-tieni laqgħa plenarja tal-EJOCN f'Ottubru 2025.

F'Ġunju 2025, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni adotta **konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-EMPACT u dwar il-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità għaċ-ċiklu li jmiss tal-EMPACT 2026-2029**<sup>11</sup>. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-EU SOCTA 2025, iċ-ċiklu tal-EMPACT 2026-2029 jinkludi seba' prijoritajiet u 13-il pjan ta' azzjoni operazzjonali (OAPs). Waħda mill-prijoritajiet hija t-traffikar tad-droga, li ser tiġi indirizzata permezz ta' żewġ OAPs: wieħed immirat lejn il-produzzjoni, it-traffikar u d-distribuzzjoni tal-kannabis, il-kokaina, u l-eroina (CCH) u l-ieħor immirat lejn drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda (SYD-NPS). L-OAPs jinkludu azzjonijiet li jiffukaw fuq approċċ olistiku għat-traffikar tad-droga li jindirizzaw eż. l-aġġornament tal-istampa tas-sitwazzjoni, l-investigazzjoni finanzjarja, il-prevenzjoni, il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' tranżitu u ta' oriġini kif ukoll il-konsolidazzjoni tal-kapaċitajiet.

### **Azzjoni 3: Sħubija pubblika-privata kontra l-kuntrabandu tad-drogi u l-infiltrazzjoni kriminali**

L-għan ta' din l-azzjoni kien li jiġi mmonitorjat l-iżvilupp tas-Sħubija Pubblika-Privata tal-Alleanza tal-Portijiet Ewropej (PPP tal-EPA) u jiżdiedu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-portijiet għat-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata, fost l-oħrajn permezz tal-iskambju u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki.

---

<sup>11</sup> 9397/25

Il-PPP tal-EPA tnediet f'Jannar 2024 f'Antwerp. Il-pjan ta' ħidma tagħha ġie miftiehem matul l-ewwel **Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja (SOM) tal-PPP tal-EPA** fis-26 ta' April 2024, u identifika erba' raggruppamenti ta' suġġetti li l-PPP jiffoka fuqhom: (i) **Kooperazzjoni operazzjonali** (eż. skambju ta' prattiki tajbin, kondivizzjoni ta' informazzjoni biex tittejjeb l-istampa tat-theddid, identifikazzjoni ta' lakuni); (ii) **Il-ġlieda kontra l-infiltrazzjoni minn gruppi tal-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni fil-portijiet** (eż. vulnerabbiltajiet fil-ktajjen tal-provvista tal-portijiet, skrinjar u verifiki tal-preċedenti personali tal-persunal fil-portijiet, miżuri ta' sensibilizzazzjoni f'każ ta' suspett jew theddida); (iii) **L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika** (eż. it-tisħiħ tal-konformità mal-Kodiċi Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Vapuri u tal-Faċilitajiet tal-Port u l-leġiżlazzjoni tal-UE relatata) u (iv) **l-Innovazzjoni**: l-użu ta' teknoloġija innovattiva biex tissaħħaħ ir-reżiljenza taċ-ċentri loġistiċi u tas-settur tat-tbaħħir għat-traffikar tad-droga (eż. preżentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE, skambju ta' prattiki tajbin u identifikazzjoni ta' lakuni u prijoritajiet futuri).

Fl-2024, ġew organizzati sessjonijiet ta' ħidma tematiċi biex jiġu diskussi kull wieħed minn dawn ir-raggruppamenti. Il-korpi preparatorji tal-Kunsill (LEWP-Dwana, LEWP-Pulizija, Grupp ta' Appoġġ COSI) ġew aġġornati regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma.

Fid-29 ta' April 2025, it-**tieni SOM tal-PPP tal-EPA** saret fi Gdańsk (il-Polonja). L-għan ewlieni ta' din il-laqgħa kien li jittieħed kont tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma u li tiġi diskussa d-direzzjoni futura tagħha. Il-laqgħa ssottolinjat l-importanza li ssir enfasi fuq il-katina loġistika kollha, bl-involvement tal-portijiet sekondarji u interni (il-prevenzjoni ta' "effett waterbed"), u kooperazzjoni internazzjonali aktar b'saħħitha (eż. mal-pajjiżi tal-Amerka Latina).

Fil-21 ta' Lulju 2025, saret **laqgħa ministerjali tal-PPP tal-EPA** f'Copenhagen. Il-laqgħa kienet kruċjali biex tingħata direzzjoni lill-ħidma futura tal-Alleanza u serviet biex tiddefinixxi s-suġġetti li għandhom jiġu indirizzati mill-Istrateġija Ewropea għall-Portijiet, li l-Kummissjoni ser tadotta fl-2026. Sabiex tiġġieled b'mod effettiv it-traffikar tad-droga, l-UE ser **issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu**, inkluż dawk fl-Amerka Latina, u tappoġġa inizjattivi fil-portijiet tagħhom (eż. permezz tal-kooperazzjoni COSI-CLASI). Matul il-laqgħa tal-COSI-CLASI f'Novembru 2025 ġew diskussi wkoll is-sigurtà u r-reżiljenza fiċ-ċentri loġistiċi.

#### **Azzjoni 4: Immappjar tan-networks kriminali li jippreżentaw l-akbar theddid għas-soċjeta**

L-għan ta' din l-azzjoni kien li jingħata segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-immappjar ta' networks kriminali ta' riskju għoli<sup>12</sup> adottati fit-13 ta' Ġunju 2024.

Fit-18 ta' Marzu 2025, l-Europol ippubblikat l-EU SOCTA 2025, li tidentifika theddid ewlieni għas-sigurtà interna tal-UE, u b'hekk tippermetti lill-UE tiegħu approċċ proattiv u mmirat għall-għieda kontra l-kriminalità serja u organizzata. Huwa ppjanat rieżami ta' nofs it-terminu għall-2027.

Fit-13 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni approva **konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-EMPACT u dwar il-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità għaċ-ċiklu li jmiss tal-EMPACT 2026-2029**, filwaqt li jiġi żgurat li l-attenzjoni fuq in-networks u l-individwi kriminali l-aktar ta' theddida tkompli bħala prijorità tal-UE fil-qasam tal-kriminalità fiċ-ċiklu tal-EMPACT li jmiss. Il-għieda kontra n-Networks Kriminali u l-Individwi l-Aktar ta' Theddida (MTCNI) tibqa' Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali (OAP) orizzontali fil-qafas taċ-ċiklu l-ġdid tal-EMPACT 2026-2029, li jkompli l-azzjonijiet tal-OAP attwali dwar Networks Kriminali ta' Riskju Għoli (HRCN) 2024-2025, u jinkludi azzjonijiet operazzjonali mmirati ġodda.

L-Europol bħalissa qed taħdem fuq l-immappjar aġġornat tan-networks kriminali ta' riskju għoli. Il-pubblikazzjoni tiegħu hija ppjanata għal Ġunju 2026.

#### **Azzjoni 5: Network ta' prosekuturi u mħallfin speċjalizzati biex jiġu żmantellati n-networks kriminali**

Sabiex jiġu miġġielda n-networks kriminali u l-mudelli tan-negozju tagħhom madwar l-UE, l-awtoritajiet ġudizzjarji saħħew il-koooperazzjoni tagħhom biex jiffaċilitaw aħjar l-iskambju ta' informazzjoni fl-Istati Membri kollha. It-twaqqif ta' **Network Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam tal-Kriminalità Organizzata (EJOCN)**<sup>13</sup>, ġie approvat mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju 2024. F'Settembru 2024, il-Eurojust organizzat il-laqgħa ta' tnedija tagħha biex tesplora kif il-prosekuturi jistgħu jaħdmu flimkien aħjar min-naħa għall-oħra tal-fruntieri u tiġi żgurata li l-ħidma mwettqa mill-infurzar tal-liġi tingħata segwitu malajr fil-livell ġudizzjarju.

---

<sup>12</sup> 11153/24

<sup>13</sup> 10980/24

Peress li l-Kunsill ippropona li l-EJOCN jindirizza t-traffikar tad-droga bħala l-ewwel prijorità, b'mod partikolari permezz tal-portijiet marittimi użati minn gruppi tal-kriminalità organizzata, l-ewwel **laqgħa plenarja tal-EJOCN f'Marzu 2025** kopriet il-każijiet u l-iżviluppi ta' politika fil-ġlieda kontra l-gruppi tal-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga. F'Settembru 2025, in-Network iltaqa' ma' **prosekuturi minn pajjiżi tal-Amerka Latina**, biex jaqsam l-għarfien espert u jiżviluppa strateġiji ta' appoġġ reċiproku biex jiġi indirizzat it-traffikar tad-droga permezz tal-portijiet minn gruppi tal-kriminalità organizzata. F'**Ottubru 2025**, l-EJOCN kellu **t-tieni laqgħa plenarja** tiegħu, inkluż diskussjoni dwar id-Deċiżjonijiet Qafas tal-Kunsill<sup>14</sup> dwar il-kriminalità organizzata u dwar it-traffikar illeċitu tad-droga u li kienet tinkludi workshop tal-prattikanti dwar "**il-kriminalità bħala servizz**" li indirizza wkoll ir-reklutaġġ ta' minorenni.

### **Azzjoni 6: Il-faċilitazzjoni tal-investigazzjonijiet finanzjarji**

L-għan ta' din l-azzjoni kien li jissaħħaħ l-użu tal-investigazzjonijiet finanzjarji bħala mod effettiv għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, u b'hekk il-kriminali jiġu mċaħħda mill-gwadanji illegali tagħhom. L-UE saħħet l-isforzi tagħha biex tiġġieled il-kriminalità ekonomika u finanzjarja bl-approvazzjoni ta' sett ġdid ta' regoli kontra l-ħasil tal-flus, li jinkludi diversi strumenti leġiżlattivi ewlenin, kif ukoll l-istabbiliment tal-**Awtorità tal-UE għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)**, li tissorvelja l-ħidma tal-atturi kollha involuti. Minħabba n-natura transfruntiera tal-kriminalità finanzjarja, l-aġenzija ser iżżid il-konformità tal-entitajiet marbutin b'obbligu billi toħloq mekkaniżmu integrat mas-superviżuri nazzjonali.

---

<sup>14</sup> Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, [http://data.europa.eu/eli/dec\\_framw/2008/841/oj](http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2008/841/oj) u d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi, [http://data.europa.eu/eli/dec\\_framw/2004/757/2022-08-18](http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2004/757/2022-08-18)

Il-pakkett **tal-UE Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (AML/CFT)** adottat mill-Kunsill f' Mejju 2024 jintroduċi regoli ġodda u aktar stretti li ser jarmonizzaw u jsaħħu l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fl-UE. Id-**Direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi**<sup>15</sup> tiżgura li l-investigazzjonijiet finanzjarji jitnedew sistematikament b' mod parallel mal-investigazzjonijiet kriminali u tintroduċi l-konfiska ta' ġid mhux ġustifikat marbut ma' mġiba kriminali. Tiżgura wkoll kooperazzjoni mill-qrib bejn l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi (AROs) u l-Europol. Id-Direttiva ser tiżgura wkoll li l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi jkollhom aċċess dirett għall-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA). Strumenti rilevanti oħra f' dan il-qasam jinkludu d-**Direttiva dwar l-aċċess għar-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji mill-awtoritajiet kompetenti**<sup>16</sup>, li ġiet emendata fl-2024 biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi jkollhom aċċess għar-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji permezz tal-punt uniku ta' aċċess, u d-**Direttiva dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (OIE)**, li fiha dispożizzjonijiet għall-kisba ta' evidenza relatata mal-kontijiet bankarji, it-tranżazzjonijiet bankarji u kontijiet finanzjarji oħra.

Filwaqt li tibni fuq il-qafas legali maħluq mill-pakkett AML/CFT, is-Sħubija Pubblika Privata tal-Intelligence Finanzjarja tal-Europol (EFIPPP) ippreżentat **Gwida Prattika għall-Kooperazzjoni Operazzjonali bejn l-Awtoritajiet Investigattivi u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji**<sup>17</sup>. Il-Gwida Prattika tipprovdi gwida prattika lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-istituzzjonijiet finanzjarji għat-tfassil tal-kooperazzjoni tagħhom.

L-EMPACT tkompli tkun mekkaniżmu ewlieni ta' kooperazzjoni għat-twettiq ta' investigazzjonijiet finanzjarji. Il-finanzi kriminali, il-ħasil tal-flus u l-irkupru tal-assi huma parti minn wieħed mill-għanijiet strateġiċi orizzontali komuni li jiżguraw li dawn l-aspetti jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali (OAPs) kważi kollha u kellhom riżultati sinifikanti. Dan ser jinżamm taħt iċ-ċiklu l-ġdid tal-EMPACT 2026-2029.

---

<sup>15</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi (ĠU L 2024/1260, 2.5.2024).

<sup>16</sup> Direttiva (UE) 2024/1654 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1153 fir-rigward tal-aċċess mill-awtoritajiet kompetenti għar-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji permezz tas-sistema ta' interkonnessjoni u tal-miżuri tekniċi biex jiġi ffaċilitat l-użu tar-rekords tat-tranżazzjonijiet (ĠU L, 2024/1654, 19.6.2024).

<sup>17</sup> EFIPPP (2025), Gwida Prattika għall-Kooperazzjoni Operazzjonali bejn l-Awtoritajiet Investigattivi u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, EFIPPP, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

L-Eurojust stabbiliet **Grupp Fokali Ġudizzjarju dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Irkupru tal-Assi**, magħmul minn prosekuturi jew imħallfin li jiffurmaw hub multidixxiplinari ta' esperti nazzjonali involuti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus u l-irkupru tal-assi u ser ikollu sinerġiji ma' sħab oħra inkluż il-Kummissjoni, il-Europol, l-AMLA, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-EJOCN. L-għan ewlieni ta' dan il-Grupp huwa li jtejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera f'każijiet operazzjonali billi jtejjeb il-kooperazzjoni nazzjonali bejn il-prosekuturi, l-imħallfin, l-infurzar tal-liġi, l-esperti tal-kriptoassi, il-kontabilisti finanzjarji, l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi, l-uffiċċji għall-ġestjoni tal-assi, u l-uffiċċji tal-intelligence finanzjarja.

### **Azzjoni 7: Iffaċilitar tal-investigazzjonijiet diġitali**

L-għan ta' din l-azzjoni huwa li jiġu definiti soluzzjonijiet possibbli għall-aċċess għad-data mill-infurzar tal-liġi, bi tkomplija fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli (HLG) dwar l-aċċess għad-data għall-infurzar effettiv tal-liġi, maħruġa f'Mejju 2024. Il-proċess tal-HLG ġie ffinalizzat bit-tħejjija ta' **rapport ta' konklużjoni**<sup>18</sup> mill-HLG, li ġie meqjus fil-laqgħa plenarja ta' Novembru 2024.

F'Diċembru 2024, il-Kunsill approva **konklużjonijiet dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi**<sup>19</sup>, u stieden lill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE u lill-Istati Membri jqisu l-kontribut siewi tal-Grupp ta' Livell Għoli **dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi** (HLG) fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti. Barra minn hekk, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex sat-tieni trimestru tal-2025 tippreżenta pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-miżuri rilevanti. F'Mejju 2025, il-COSI kellu diskussjoni dwar l-aċċess għad-data<sup>20</sup> bi tħejjija għall-iskambju ta' fehmiet previst fil-laqgħa tal-Kunsill ĠAI f' Ġunju 2025.

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni **dwar pjan direzzjonali biex jiġi żgurat aċċess legali u effettiv għad-data** ġiet adottata fl-24 ta' Ġunju 2025 u ppreżentata fil-laqgħa informali tal-COSI f' Copenhagen f' Lulju 2025. Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali u ta' miżuri oħra prijoritizzati mill-Istati Membri, tħejjiet ħarsa ġenerali tal-attivitajiet għal-laqgħa tal-COSI tat-18 ta' Settembru 2025. Il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni ġie infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali f'Ottubru 2025.

---

<sup>18</sup> 15941/24

<sup>19</sup> 16448/24

<sup>20</sup> 8453/25 + ADD1

Diversi korpi preparatorji tal-Kunsill kienu involuti fil-ħidma dwar l-aċċess għad-data. Fil-COPEN saret diskussjoni dwar iż-żamma tad-data, f'LEWP-P sar skambju ta' fehmiet dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-esperti tal-forensika diġitali u fil-COSI sar skambju ta' fehmiet dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u komunikazzjoni. Il-COSI ddiskuta l-aspetti tal-istandardizzazzjoni fit-18 ta' Novembru 2025 u l-interċettazzjoni legali ġiet ittrattata mill-CATS fil-25 ta' Novembru 2025.

Il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni ser jiġi infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali tal-ħidma dwar l-aċċess għad-data għal infurzar tal-liġi effettiv fi tmiem il-mandat tal-Presidenza Daniża permezz ta' nota ta' informazzjoni li tinkludi l-attivitajiet imwettqa fl-istrutturi tal-Kunsill.

### **Azzjoni 8: L-isfruttar tal-potenzjal tal-allerti tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**

L-għan ta' din l-azzjoni kien li jsir użu sħiħ mill-għodod disponibbli fis-SIS sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità serja u organizzata. **L-implimentazzjoni tar-Riformulazzjoni tas-SIS** ġiet indirizzata fil-qafas ta' din l-azzjoni. Fil-laqgħa tal-IXIM ta' Settembru 2024, id-delegazzjonijiet kellhom l-opportunità li jaqsmu l-esperjenzi u l-aħjar Prattiki tagħhom fir-rigward tal-funzjonalitajiet il-ġodda. L-iskambju ġie infurmat permezz ta' preżentazzjoni mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) dwar l-istatistika u l-iżviluppi mid-dħul fis-seħħ tar-Riformulazzjoni f'Marzu 2023, b'aġġornament tal-attivitajiet ippjanati mill-Kummissjoni Ewropea, u bi preżentazzjonijiet dwar Prattiki nazjonali. Aktar tard il-Kummissjoni ppreżentat it-triq 'il quddiem fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-laqgħa tal-IXIM ta' Marzu 2025, filwaqt li fil-laqgħa tal-IXIM ta' Ottubru 2025 issemmev aspetti oħra tal-futur possibbli tas-sistema.

Ġew organizzati wkoll diversi skambji dwar **tipi speċifiċi ta' allerti tas-SIS**. Fil-laqgħa tal-IXIM ta' Novembru 2024, il-Presidenza organizzat diskussjoni biex issegwi l-isforzi preċedenti biex isir użu akbar mill-allerti previsti fl-Artikolu 36 tar-Regolament dwar is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (2018/1862), b'mod partikolari l-verifiki ta' investigazzjoni. Fil-laqgħa tal-IXIM ta' Diċembru 2024, il-Presidenza ffaċilitat b'mod partikolari l-iskambji dwar il-ġestjoni tal-allerti tas-SIS dwar l-armi tan-nar, b'enfasi partikolari fuq l-indirizzar tal-kwalità tad-data u l-effiċjenza operazzjonali.

Kien hemm ukoll diskussjonijiet dwar il-**kooperazzjoni mal-Europol**. Fl-IXIM ta' Frar 2025, il-Presidenza bdiet tiġbor il-fehmiet tal-Istati Membri dwar diversi aspetti marbuta mal-kondiviżjoni ta' hits relatati mat-terroriżmu mal-Europol. Ir-riżultati kienu ppreżentati fil-laqgħa tal-IXIM ta' Marzu 2025. Ir-rappurtar tal-hits lill-Europol ġie diskuss minn perspettiva Prattika fil-laqgħat tal-IXIM ta' Marzu u Mejju 2025.

### **Azzjoni 9: Lejn qafas legali aktar sod kontra l-kriminalità organizzata**

Qafas legali effettiv tal-UE huwa essenzjali biex jipprovdi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji l-għodod meħtieġa għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Il-Kunsill ħejja t-**termini ta' referenza (kwestjonarju) għall-11-il ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi**<sup>21</sup> li ser ikun iddedikat għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga. L-objettiv primarju tal-11-il ċiklu huwa li jiġu indirizzati l-**isfidi operazzjonali u legali li jiffaċċjaw l-awtoritajiet ġudizzjarji u dawk tal-infurzar tal-liġi fir-rispons tagħhom għat-traffikar transfruntier tad-droga, kif ukoll li jiġu identifikati oqsma għal titjib**. Il-11-il ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi, iddedikat għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tad-droga fl-UE, għaddej bħalissa. Iż-żjarat fuq il-post fl-Istati Membri bdew f'Marzu 2025 u ser ikomplu sa April 2026. Minn Novembru 2025 'l hawn, diġà saru 15-il evalwazzjoni fuq il-post. Ir-rapporti tal-pajjiżi dwar id-Danimarka<sup>22</sup> u dwar Ċipru<sup>23</sup> diġà ġew approvati mill-COPEN u rapporti addizzjonali tal-pajjiżi ser jiġu approvati fuq bażi kontinwa hekk kif l-evalwazzjonijiet ikomplu. Ir-rapport finali huwa mistenni li jitlesta fit-tieni semestru tal-2026.

Barra minn hekk, saru sforzi biex jiżdiedu r-**reżiljenza u r-robustezza tas-sistemi ġudizzjarji kontra l-organizzazzjonijiet kriminali** permezz ta' fehim aħjar tat-theddid u l-iskambju tal-aħjar prattiki. Skambju ta' fehmiet dwar ir-**reżiljenza u r-robustezza tas-sistemi ġudizzjarji kontra l-kriminalità organizzata** sar fil-kuntest tad-**djalogu tal-Kunsill dwar l-istat tad-dritt f'Marzu 2024**, li kkontribwixxa għal sensibilizzazzjoni akbar.

---

<sup>21</sup> Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi ġie stabbilit bl-Azzjoni Konġunta 97/827/ĠAI u l-mira tiegħu hija l-evalwazzjoni bejn il-“pari” tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tal-atti u l-istrumenti tal-Unjoni u ta' atti u strumenti internazzjonali oħra f'materji kriminali, tal-leġiżlazzjoni u l-prattiki li jirriżultaw fil-livell nazzjonali u tal-azzjonijiet ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fl-Istati Membri. Kull ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi huwa ddedikat għal suġġett speċifiku.

<sup>22</sup> 9428/25

<sup>23</sup> 13074/25 REV1

Fir-rigward tar-**reviżjoni futura tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/841/ĠAI** tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, bħalissa l-Kummissjoni qed taħdem fuq attivitajiet preparatorji, inkluż valutazzjoni tal-qafas legali eżistenti u konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti. L-għan huwa li jiġi mmodernizzat u ssimplifikat l-approċċ tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, filwaqt li jiġi żgurat li l-qafas legali jirrifletti x-xejriet kriminali attwali u jappoġġa kooperazzjoni transfruntiera effettiva. Il-proposta għal regoli ġodda dwar il-kriminalità organizzata mistennija tiġi ppreżentata fl-2026.

Kif imħabbar fil-Pjan Direzzjonali fil-qafas ta' din l-azzjoni, bħalissa l-Kummissjoni qed tevalwa d-**Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI** li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pjeni fil-qasam tat-traffikar illeċitu tad-droga, bl-għajjnuna ta' kuntrattur estern. L-għan tal-evalwazzjoni huwa li jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE ta' din il-biċċa ta' liġi kriminali tal-UE. Il-Kummissjoni tippjana li tippubblika l-eżitu tal-evalwazzjoni fit-tieni trimestru tal-2026.

#### **Azzjoni 10: Il-prevenzjoni ta' attivitajiet ta' kriminalità organizzata permezz ta' miżuri amministrattivi**

Ir-rapport tal-Europol<sup>24</sup> wera li 86 % tan-networks kriminali l-aktar ta' theddida jagħmlu użu minn strutturi ta' negozju legali. Huwa għalhekk vitali li l-awtoritajiet amministrattivi jkunu konxji mir-rwol importanti li jista' jkollhom fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

---

<sup>24</sup> Europol (2024), Id-Dekodifikazzjoni tan-networks kriminali l-aktar ta' theddid tal-UE |, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

Dan is-suġġett ġie diskuss fil-**laqgħa ministerjali informali tal-ĠAI f'Jannar 2024**. In-**Network Ewropew dwar l-Approċċ Amministrattiv** (ENAA) esplora aktar l-applikazzjoni prattika tal-approċċ amministrattiv u l-possibiltajiet għall-kondiviżjoni transfruntiera tal-informazzjoni bl-għan li jittieħdu miżuri amministrattivi jew preventivi sabiex tiġi evitata l-infiltrazzjoni ta' organizzazzjonijiet kriminali fl-ekonomija legali. F'dan il-kuntest, l-ENAA ħarġet **gwida dwar "Minn fejn tibda bl-approċċ amministrattiv"**<sup>25</sup>. L-approċċ amministrattiv ġie diskuss ukoll fil-**Konferenza Ewropea dwar il-Prevenzjoni tal-Kriminalità** "Il-prevenzjoni effettiva tal-kriminalità organizzata fl-UE" f'April 2024 f'Tallinn. Fil-laqgħa tal-COSI ta' April 2024, id-delegazzjonijiet qablu li jwettqu **eżerċizzju ta' mmappjar** li janalizza l-possibiltajiet disponibbli fil-qafas tal-bażi legali eżistenti għall-iskambju transfruntier ta' informazzjoni għal finijiet amministrattivi u stiednu lill-Kummissjoni **teżamina l-possibiltà li tipproponi leġiżlazzjoni ġdida**. Fis-17 u t-18 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ser torganizza laqgħa mal-Istati Membri u mal-Aġenziji u l-Korpi tal-UE kif ukoll man-networks rilevanti tal-UE, inkluż l-ENAA, biex jiġu skambjati l-aħjar prattiki u tingħata gwida prattika dwar kif għandha tittieħed azzjoni amministrattiva kontra l-kriminalità organizzata, u b'hekk twettaq l-azzjoni mħabbra fil-Pjan Direzzjonali.

Ir-rapport tal-Europol dwar l-abbuż tal-istrutturi legali tan-negożju (LBS)<sup>26</sup> ġie ppreżentat lill-COSI f'Novembru 2024, u dan itenni l-importanza li l-approċċ amministrattiv jintuża aktar bħala kontromiżura importanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata. Attivitajiet oħra huma l-abbozzar, fil-qafas tal-EMPACT, ta' **manwal dwar miżuri amministrattivi** biex jiġu indirizzati drogi sintetiċi ġodda, li għandu jiġi ppreżentat fi tmiem l-2025. **Fil-Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent tas-16 ta' April 2024**, l-esperjenza nazzjonali Belġjana dwar l-approċċ amministrattiv ġiet ippreżentata lis-sħab tal-Balkani tal-Punent

F'Ġunju 2025, il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-EMPACT u dwar il-prijoritajiet tal-UE b'rabta mal-kriminalità għaċ-**ċiklu tal-EMPACT 2026-2029** li jmiss.

---

<sup>25</sup> ENAA (2023). Minn fejn tibda bl-approċċ amministrattiv. Brussell: ENAA.

<sup>26</sup> Europol (2024), Leveraging legitimacy: How the EU's most threatening criminal networks abuse legal business structures (Sfruttament tal-leġittimità tal-ingranaġġ: Kif in-networks kriminali l-aktar ta' theddida għall-UE jabbużaw mill-istrutturi tan-negożju legali), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

Fiċ-ċiklu tal-EMPACT 2026+, l-użu ta' **miżuri amministrattivi kontra l-kriminalità serja u organizzata** huwa strateġija komplementari ewlenija għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-użu ħażin tal-infrastruttura legali. Fil-qasam tal-ġlieda kontra n-networks u l-individwi kriminali l-aktar ta' theddida, azzjoni operazzjonali ser tiffoka fuq **il-ħolqien ta' ħarsa ġenerali tal-approċċi amministrattivi użati mill-Istati Membri**, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar il-vantaġġi li wieħed jiffoka fuq approċċ amministrattiv u jiżviluppa għarfien espert billi jittieħed vantaġġ mill-kooperazzjoni ma' networks eżistenti (EUCPN u ENAA) u billi jiġu stabbiliti sħubijiet u networks ġodda. Barra minn hekk, ser tiffoka wkoll fuq **id-determinazzjoni ta' bażijiet legali u għodod operazzjonali possibbli għall-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali u amministrattiva**. Diversi azzjonijiet operazzjonali oħra huma relatati mal-approċċ amministrattiv, inkluż azzjoni li ser tivvaluta t-theddida tal-infiltrazzjoni tal-mafja, azzjoni biex jiġu żviluppati għodod għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fil-qasam tal-proprjetà immobbli, kif ukoll azzjoni li tiffoka fuq l-indirizzar ta' gruppi kriminali li jisfruttaw rotot tax-xmajjar alternattivi.

#### **Azzjoni 11: Il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-prekursuri designer**

L-għan ta' din l-azzjoni kien li tizzied l-effettività tal-kontroll tal-prekursuri tad-droga u jitħaffef l-iskedar tas-sustanzi.

F'Mejju 2025, il-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (HDG) qabel dwar abbozz ta' **konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt li jindirizza t-theddid ta' drogi sintetiċi ġodda u sustanzi psikoattivi ġodda fl-Unjoni Ewropea**<sup>27</sup> li kienu approvati mill-Kunsill f'Ġunju 2025. F'dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li tintuża d-dispożizzjoni omnikompreensiva u jistieden lill-Kummissjoni ta' tagħgħom li tiffoka fuq il-qafas leġislativ biex tindirizza theddid ġdid u sfidi li qed ifeġġu bħall-użu tal-preprekursuri u prekursori moħbija, filwaqt li jiġu żgurati l-monitoraġġ u l-prevenzjoni effettivi tad-devjazzjoni tagħhom. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' entitajiet tas-settur privat, inkluż kumpaniji ta' sustanzi kimiċi u farmaċewtiċi sabiex tiġi evitata d-devjazzjoni tal-prekursuri. F'dawn il-konklużjonijiet il-Kunsill iħeġġeġ ukoll kooperazzjoni ulterjuri ma' pajjiżi terzi, b'kunsiderazzjoni tar-rotot ta' traffikar ta' droga sintetika.

---

<sup>27</sup> 8892/25

Fi ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna, il-Kummissjoni indikat li ser tippreżenta proposta leġiżlattiva bl-għan li **tirrevedi l-qafas legali dwar il-prekursuri tad-droga fl-2025**, li ġie kkonfermat għar-raba' trimestru tal-2025.

Il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-prekursuri designer dehret ukoll fid-diskussjonijiet ma' diversi **sħab internazzjonali tal-UE**, inkluż bħala parti mid-**Djalogu biannwali bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar id-Drogi**, kif ukoll waqt id-**Djalogu annwali bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-Drogi u l-Grupp ta' Segwitu Konġunt bejn l-UE u ċ-Ċina dwar il-Prekursuri**.

### **Azzjoni 12: Il-prevenzjoni ta' reklutaġġ ta' tfal u zghażaġh minn networks kriminali**

Minorenni vulnerabbli u individwi zghażaġh qed jiġu reklutati dejjem aktar minn networks kriminali biex iwettqu attivitajiet kriminali. L-għan li jiġi indirizzat dan is-suġġett kien li jsir progress fil-ġlieda kontra dan il-fenomeno allarmanti u li tiġi enfasizzata l-ħtieġa ta' investment f'politiki ta' prevenzjoni tal-kriminalità.

Dan is-suġġett ġie indirizzat fil-**laqgħa Ministerjali informali tal-ĠAI f'Jannar 2024** u ġie diskuss fil-**konferenza Ewropea ta' livell għoli dwar il-Prevenzjoni tal-Kriminalità** "Prevenzjoni effettiva tal-kriminalità organizzata fl-UE" f'April 2024 f'Tallinn. L-**HDG** iddiskuta aktar dan is-suġġett, u dan ikkontribwixxa biex tikber is-sensibilizzazzjoni tal-Istati Membri dwar il-kwistjoni u wera l-importanza tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni, inkluż is-sett ta' għodod maħruġ fl-2022 għall-prevenzjoni taż-zghażaġh milli jidħlu f'gangs tad-droga. Waqt id-dibattiti, **ġew proposti azzjonijiet ulterjuri**, bħall-identifikazzjoni tal-aħjar Prattiki abbażi ta' evidenza tal-effettività tagħhom, l-iżvilupp ta' ħarsa ġenerali aħjar tas-sitwazzjoni u l-kondiviżjoni tad-data, u l-kunsiderazzjoni ta' aktar riċerka dwar dan is-suġġett, li tkomplew matul id-Djalogu dwar ir-Riċerka fl-**HDG** f'Novembru 2025. Il-**COSI informali** f'Lulju 2025 iddiskuta wkoll ir-reklutaġġ online ta' tfal u zghażaġh biex iwettqu reati. Il-laqgħa informali tal-membri tal-CATS f'Settembru 2025 iddiskutiet il-fenomeno tal-"kriminalità bħala servizz", b'enfasi speċifika fuq it-tfal reklutati għal attivitajiet kriminali. F'Settembru 2025 u f'Ottubru 2025, in-**Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità** (EUCPN) organizza webinar dwar ir-reklutaġġ taż-zghażaġh u dwar politiki u għodod effettivi għall-prevenzjoni tal-kriminalità, u t-2 **Plenarja tal-EJOCN** ukoll indirizzat is-suġġett. F'April 2025, tnediet it-**Taskforce Operazzjonali GRIMM**, ikkoordinata mill-Europol, li tindirizza l-vjolenza bħala servizz u r-reklutaġġ ta' awturi zghażaġh għal kriminalità serja u organizzata.

Is-suġġett tal-prevenzjoni tan-networks kriminali milli jirreklutaw tfal u żgħażagħ, anke online, ġie diskuss ma' sħab internazzjonali, inkluż fil-**Forum Ministerjali bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent** f'Ottubru 2025, u d-**Djalogu bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent dwar id-Drogi** f'Novembru 2025, kif ukoll mal-pajjiżi tal-Amerka Latina fil-qafas tal-**Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni u Kooperazzjoni dwar id-Drogi UE-CELAC**.

**Azzjoni 13: It-titjib tas-sikurezza pubblika u tas-saħħa pubblika f'żoni affettwati mill-użu u mill-bejgħ tad-drogi u tal-kriminalità relatata mad-droga.**

Fl-HDG ġew organizzati sensiela ta' **dibattiti tematiċi** dwar it-titjib tas-sikurezza pubblika u s-saħħa pubblika f'żoni affettwati mill-użu u l-bejgħ tad-drogi u l-kriminalità relatata mad-drogi, inkluż dwar l-implimentazzjoni u t-triq 'il quddiem fir-rigward tal-**istandards ta' kwalità minimi fil-qasam tat-tnaqqis fid-domanda għad-drogi**, bl-għan li jiġi ddeterminat sa liema punt il-konklużjonijiet tal-Kunsill ġew implimentati mill-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-EUDA, x'kienu jew x'inhuma l-prattiki tajbin u ħżiena jew l-ostakli għall-implimentazzjoni tagħhom, jekk ikun hemm, u fl-aħħar nett, x'inhuma t-trajettorji possibbli għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni jew il-valutazzjoni ulterjuri tal-istandards ta' kwalità minimi tal-UE fit-tnaqqis fid-domanda għad-drogi. Fl-HDG saret ukoll diskussjoni dwar l-implikazzjonijiet għas-saħħa pubblika u l-miżuri preventivi relatati mal-**katinoni sintetiċi** fl-UE.

Sar ukoll dibattitu tematiku dwar il-**prevenzjoni tal-kriminalità**, b'enfasi partikolari fuq strateġiji għat-tnaqqis tal-vjolenza u l-kriminalità relatata mas-suq tad-droga, kif ukoll diskussjoni tematika dwar standards ta' kwalità minimi u **standards Ewropej ta' kwalità għall-prevenzjoni tad-droga**. L-HDG iddiskuta wkoll l-implimentazzjoni tal-**Kurrikulu Ewropew għall-Prevenzjoni (EUPC)**, b'enfasi fuq il-ħtieġa għal programmi ta' taħriġ komprensivi mfassla biex jappoġġaw lill-professjonisti involuti fit-tfassil tal-prevenzjoni, u l-politiki fil-livell reġjonali u lokali dwar l-implimentazzjoni ta' interventi ta' prevenzjoni bbażati fuq l-evidenza. Abbażi tal-eżiti tad-dibattiti tematiċi, ġew proposti azzjonijiet speċifiċi, li jenfassizzaw, b'mod partikolari, l-importanza tal-promozzjoni ta' politiki u għodod ibbażati fuq l-evidenza, il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki biex jitnaqqas ir-riskju tal-involvement fil-kriminalità, it-tiżiħ tal-implimentazzjoni tal-istandards ta' kwalità u l-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza u l-ħtieġa għal standards ta' kwalità fil-qasam tal-prevenzjoni tad-droga. Id-**Djalogu dwar ir-Riċerka** fl-HDG indirizza wkoll id-domanda għad-drogi u l-proġetti għat-tnaqqis tad-drogi, u sar ukoll dibattitu tematiku dwar il-prevenzjoni ta' dożi eċċessivi. Fl-aħħar nett, ġew organizzati diskussjonijiet tematiċi dwar prijoritajiet strateġiċi biex tiġi indirizzata l-ħsara relatata mad-droga biex jikkontribwixxu għat-tħejjija tal-**qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar id-drogi**.

#### **Azzjoni 14: It-tisħiħ tal-appoġġ għal interventi operazzjonali kontra t-traffikar tad-droga fl-Afrika tal-Punent**

**L-Afrika tal-Punent** saret dejjem aktar importanti għall-kummerċ globali tal-kokaina, peress li qed issir dejjem aktar **punt ta' trażbord** għall-kokaina destinata għall-Ewropa. Uħud mill-gruppi tal-kriminalità organizzata l-aktar perikolużi u sofistikati fid-dinja, li għandhom l-għeruq tagħhom fil-Balkani tal-Punent, iżda wkoll atturi ewlenin fis-swieq tad-droga fl-Ewropa u fl-Amerka Latina, espandew mill-fortizzi tagħhom f'kull naħa tal-katina tal-provvista tal-kokaina biex iniedu operazzjonijiet fl-Afrika tal-Punent. L-għan ta' din l-azzjoni huwa li din ir-rotta tal-provvista tad-droga tiġi indirizzata b'mod koordinat.

Il-kwistjoni dejjem akbar tat-traffikar tad-droga mill-Afrika tal-Punent ġiet diskussa ma' xi wħud mis-sħab internazzjonali tal-UE inkluż matul id-**Djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar id-Drogi** u d-**Djalogu bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent dwar id-Drogi** f'Novembru 2025.

#### **Azzjoni 15: It-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi fl-Amerka Latina u l-Karibew fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**

Minħabba l-firxa globali tan-networks kriminali, huwa essenzjali li jissaħħu s-sħubijiet bejn l-UE u l-Istati Membri individwali ma' pajjiżi terzi, speċjalment dawk il-pajjiżi terzi fuq ir-rotot ewlenin tal-provvista tad-droga. **Il-pajjiżi tal-Amerka Latina u tal-Karibew** huma sħab ewlenin f'dan ir-rigward, inkluż fil-kuntest tas-**Sħubija UE-LAC dwar il-Ġustizzja u s-Sigurtà**. Diversi Presidenzi ħadmu fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bireġjonali ma' dawn il-pajjiżi u indirizzaw din il-prijorità fil-fora tal-Kunsill f'diversi okkażjonijiet. Ir-**raba' Summit CELAC-UE** reċenti (9 ta' Novembru 2025, Santa Marta, il-Kolombja) afferma mill-ġdid fid-dikjarazzjoni konġunta tiegħu l-impenn taż-żewġ reġjuni biex jiġġieldu kontra t-traffikar tad-droga u b'mod aktar ġenerali l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali. Fil-marġini tiegħu, tnediet **Alleanza UE-LAC għas-Sigurtà taċ-Ċittadini** bl-approvazzjoni fil-mument ta' 19-il pajjiż tal-LAC, biex tkompli tapprofondixxi u tkabbar din il-kooperazzjoni f'approċċ ta' gvern sħiħ u approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Amerka Latina u tal-Karibew, fil-qafas tal-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni u Kooperazzjoni UE-CELAC dwar id-Drogi, il-ftehim dwar id-dikjarazzjoni ta' La Paz<sup>28</sup> fit-22 ta' Frar 2024 fil-Laqgħa ta' Livell Għoli tal-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni u Kooperazzjoni UE-CELAC dwar id-Drogi kien stadju importanti. Id-dikjarazzjoni ta' La Paz identifikat ħames prijoritajiet għal din il-kooperazzjoni għall-ħames snin li ġejjin. Il-Kopresidenzi tal-Mekkaniżmu ħadmu b'mod konġunt fuq l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' La Paz tal-Mekkaniżmu. Ġew organizzati diversi Laqgħat tal-Kumitat Tekniku UE-CELAC bil-parteċipazzjoni tal-kapijiet tal-aġenziji nazzjonali tad-drogi mir-reġjun CELAC fil-ħarifa tal-2024 u l-2025. F'Mejju 2025, saret il-XXV Laqgħa ta' Livell Għoli tal-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni u Kooperazzjoni UE-CELAC dwar id-Drogi f'Varsavja (il-Polonja), u fiha ġie approvat is-sett il-ġdid ta' objettivi fuq terminu qasir għall-perjodu minn Mejju 2025 sal-Laqgħa ta' Livell Għoli li jmiss, fl-2026. Djalogi ddedikati dwar id-Drogi jikkontribwixxu wkoll għall-kooperazzjoni bireġjonali, bħal-Laqgħa ta' Esperti dwar id-Drogi UE-Brażil, u d-djalogu dwar is-sigurtà interna UE-Ekwador, li jikkonfermaw il-ħtieġa ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib, inkluż dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki.

Fil-kuntest tal-kooperazzjoni tal-UE mal-Kumitat Latino-Amerikan għas-Sigurtà Interna (CLASI), l-ewwel laqgħa tal-Uffiċjali Għolja UE-CLASI saret f'Mejju 2024. F'Novembru 2024 saret Laqgħa Istituzzjonali UE-CLASI biex titħejja l-Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-CLASI li saret fi Brussell f'Marzu 2025 li matulha ntlaħaq qbil dwar dikjarazzjoni ministerjali konġunta ġdida<sup>29</sup> u pjan direzzjonali biex jiġu implimentati l-prijoritajiet ta' kooperazzjoni operazzjonali għall-2025-2026. Fid-19 ta' Novembru 2025 saret Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja UE-CLASI. Bħala segwitu għall-pjan direzzjonali dwar il-kooperazzjoni operazzjonali mal-CLASI, l-ixprunaturi tal-prijoritajiet tal-kriminalità u l-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali dwar it-Traffikar tal-Bnedmin, tad-Droga u tal-Armi tan-Nar kemm mill-UE (EMPACT) kif ukoll mill-CLASI ltaqgħu f'Madrid (Spanja) f'Ottubru 2025, f'format ta' workshop. Dan ġie organizzat u ospitat mill-programm EL PACCTO 2.0 bl-objettiv li jiġu esplorati sinerġiji u jiġu kkoordinati azzjonijiet konġunti possibbli. Dawk it-tliet prijoritajiet fil-ġlieda kontra l-kriminalità ġew adottati fl-2025 mill-CLASI għall-ewwel darba mill-ħolqien tiegħu. L-OAPs tal-EMPACT għall-perjodu 2026-2027 ġew approvati mill-COSI fit-18 ta' Novembru 2025.

---

<sup>28</sup> ST 6914/24

<sup>29</sup> 6403/25

B'mod parallel, l-ewwel **Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja UE-Amerka Latina** ġiet ospitata mill-Presidenza fil-livell tal-CATS, f'Mejju 2024. L-għan huwa li nimxu lejn djalogo bireġjonali strutturat u perjodiku dwar il-politika tal-Ġustizzja Kriminali.

Fil-5 ta' Marzu 2025, l-UE ffirmat **ftehim internazzjonali mal-Brażil** li jippermetti l-iskambju ta' data personali u mhux personali bejn il-Europol u l-Pulizija Federali tal-Brażil għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. Il-ftehim ġie konkluż fid-29 ta' Settembru 2025. **Ftehim simili mal-Ekwador** ġie ffirmat fl-24 ta' Settembru 2025. Attwalment l-UE qed tinnegozja ftehimiet simili mal-Bolivja, il-Perù u l-Messiku.

Barra minn hekk, erbatax-il membru tal-CLASI ffirmaw it-**Trattat AMERIPOL** fid-9 ta' Novembru 2023, u l-Perù nġhaqad reċentement. L-Ekwador kien l-ewwel pajjiż li rratifika t-Trattat AMERIPOL, li ser jidħol fis-seħħ ladarba jiġi ratifikat minn tal-inqas ħames firmatarji. Dan jippermetti l-involviment ta' AMERIPOL f'arranġament ta' ħidma mal-Europol, peress li l-Aġenzija Latino-Amerikana diġà hija identifikata bħala sieħeb prijoritarju. Barra minn hekk, l-UE qed tinnegozja wkoll ftehimiet internazzjonali mal-Kolombja, l-Arġentina u l-Brażil li jippermettu l-iskambju ta' data personali mal-Eurojust. Fl-aħħar ta' Mejju 2025, l-UPPE ffirmat **arranġament ta' ħidma mal-Assoċjazzjoni Ibero-Amerikana tal-Prosekuturi Pubbliċi (AIAMP)** biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni strateġika tagħhom, kif ukoll arranġamenti bilaterali mal-Uffiċċji tal-Prosekutur Pubbliku tal-Arġentina, il-Brażil, il-Costa Rica, il-Panama, il-Paragwaj u l-Perù, bl-appoġġ ta' EL PACCTO 2.0, il-programm ta' kooperazzjoni tal-UE li għandu l-għan li jsaħħaħ is-sħubija UE-LAC fl-oqsma tal-ġustizzja u s-sigurtà biex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali.

#### **Azzjoni 16: Il-formazzjoni ta' alleanzi biex jiġi indirizzat it-theddid tad-drogi sintetiċi**

**Biż-żieda fil-produzzjoni, id-disponibbiltà, u s-sekwestri ta' opjojdi sintetiċi** fl-Ewropa, l-għan ta' din l-azzjoni huwa li tqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-ġlieda kontra t-theddid tad-drogi sintetiċi u ttejjeb il-preparatezza għaliha.

Ġew organizzati **dibattiti tematiċi** fil-HDG **dwar l-opjojdi sintetiċi, kif ukoll il-katinoni sintetiċi** sabiex tiġi skambjata informazzjoni dwar l-aħħar xejriet u jiġu kondiviżi l-aħħar Prattiki. Abbażi tal-eżiti tad-dibattiti tematiċi, ġew proposti azzjonijiet speċifiċi għat-triq 'il quddiem, li jinkludu l-ħtieġa li jiġi mmonitorjat is-suq tad-droga billi jissaħħa l-iskambju ta' informazzjoni dwar id-detezzjoni ta' opjojdi sintetiċi u laboratorji żarmati, biex jiġi żgurat rispons adegwat mill-perspettiva tas-saħħa għall-proliferazzjoni potenzjali ta' opjojdi sintetiċi, jiġu indirizzati l-lakuni regolatorji, isir investiment fil-kapaċitajiet ta' infurzar u tissaħħa il-kooperazzjoni transfruntiera fl-UE. Kellha wkoll il-ħsieb li tindirizza l-fatturi soċjali u ekonomiċi sottostanti li jikkontribwixxu għall-użu tas-sustanzi permezz tal-promozzjoni tal-provvista tas-servizzi ta' saħħa mentali aċċessibbli, il-ħolqien ta' spazji sikuri ta' divertiment, u l-aċċess usa' għas-servizzi tat-tnaqqis tal-ħsara. Barra minn hekk, irrabtiet bejn il-produzzjoni tad-drogi sintetiċi u l-kriminalità ambjentali ġew diskussi fil-COSI fit-18 ta' Settembru 2024.

It-theddida li qed joħolqu l-opjojdi sintetiċi hija wkoll fil-mira tal-**Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali (OAP) tal-EMPACT dwar id-Drogi Sintetiċi u Sustanzi Psikoattivi Ġodda (SYD/NPS)** għall-2024-2025. Ta min jinnota li l-mutur ta' dan l-OAP qed imexxi azzjoni operazzjonali waħda maħluqa speċifikament għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti u pajjiżi oħra taħt il-kappa tal-Koalizzjoni Globali.

Il-kwistjoni tad-drogi sintetiċi ġiet indirizzata wkoll **mas-sħab internazzjonali**, minħabba n-natura globali tal-isfidi relatati mad-droga. B'mod partikolari, l-indirizzar tat-theddid tad-drogi sintetiċi tqajjem bilateralmment mal-Istati Uniti, jiġifieri f'diversi **Laqgħat Ministerjali UE-Stati Uniti** dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, diversi **Djalogi UE-Stati Uniti dwar id-Drogi** kif ukoll **Laqgħat tal-Uffiċjali Għolja UE-Stati Uniti**. L-UE u l-Istati Membri tagħha kkontribwew ukoll għall-Koalizzjoni Globali biex Tindirizza t-Theddid tad-Drogi Sintetiċi. Kwistjonijiet relatati mad-drogi sintetiċi u l-prekursuri ġew indirizzati wkoll fl-iskambji tekniċi maċ-Ċina f'Ottubru u Novembru 2024, b'segwitu għat-tielet **Djalogu UE-Ċina dwar id-Drogi** li sar f'April 2024, kif ukoll matul ir-raba' **Djalogu UE-Ċina dwar id-Drogi** u l-**Grupp Konġunt ta' Segwitu dwar il-Prekursuri** li sar eżatt wara f'Beijing f'Settembru 2025. Fid-**Djalogu UE-Balkani tal-Punent dwar id-Drogi**, li sar fi Brussell f'Novembru 2024, id-diskussjonijiet indirizzaw is-sitwazzjoni tad-drogi sintetiċi kemm fl-UE kif ukoll fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent. Il-kwistjoni tad-drogi sintetiċi ġiet diskussa wkoll mal-**Pajjiżi tal-Asja Ċentrali** f'April 2025.

Barra minn hekk, filwaqt li jibni fuq il-Patt Ewropew tal-2011 Kontra d-Drogi Sintetiċi<sup>30</sup>, f'Ġunju 2025 il-Kunsill ĠAI approva l-**abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt li jindirizza theddid ġdid ta' drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda fl-Unjoni Ewropea**<sup>31</sup>, biex tiġi indirizzata d-dinamika li qed tevolvi tax-xenarju tad-drogi sintetiċi, b'mod partikolari f'termini ta' produzzjoni dejjem tikber u ta' traffikar ta' katinoni. Il-konklużjonijiet jenfasizzaw, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jiġu żviluppatti aktar programmi ta' taħriġ speċjalizzati għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi dwar l-identifikazzjoni, iż-żarmar u t-trattament sikur tal-laboratorji tad-drogi sintetiċi, tissaħħaħ il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u s-sħab internazzjonali u jiġu intensifikati l-isforzi biex jiġi traċċat, iffriżat u kkonfiskat ir-rikavat minn attivitajiet kriminali.

Barra minn hekk, il-Polonja ressqet, f'isem l-UE, **riżoluzzjoni dwar is-sikurezza tal-uffiċjali fiż-żarmar ta' laboratorji tal-opjojdi sintetiċi**, li ġiet adottata matul it-68 sessjoni tas-CND f'Marzu 2025.

### **Azzjoni 17: It-tisħiħ tal-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi prijoritarji**

Il-maġġoranza tan-networks kriminali l-aktar ta' theddida għandhom firxa li testendi lil hinn mill-UE. Sabiex jiġi żgurat li l-kriminali maqbuda jiġu estraditi, imħarrka u kkundannati u li l-assi kriminali barra mill-UE jiġu rkuprati, hemm ħtieġa kritika ta' kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva ma' pajjiżi mhux tal-UE.

Is-suġġett tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi prijoritarji ġie diskuss matul il-**laqgħa ministerjali informali tal-ĠAI** f'Jannar 2024 u mbagħad ġie elaborat aktar fil-CATS u fi Gruppi ta' Ħidma kompetenti matul ix-xhur ta' April u Mejju 2024. Barra minn hekk, matul il-**Konferenza dwar id-Dritt Kriminali** f'April 2024, ġew diskussi miżuri differenti mill-prattikanti biex jissaħħu r-rabtiet ġudizzjarji ma' pajjiżi terzi.

---

<sup>30</sup> 15544/11

<sup>31</sup> 8892/25

**Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata<sup>32</sup>,** ġew approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu f'Ġunju 2024. **L-Istrateġija ppubblikata reċentement tal-Eurojust dwar il-Kooperazzjoni mas-Sħab Internazzjonali għall-2024-2027** tippreżenta ħidma ta' bażi importanti f'dan ir-rigward. Matul id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma **COPEN** fl-ewwel semestru tal-2025, ġew diskussi proġetti pilota u l-passi li jmiss għas-sett ta' għodod ta' miżuri stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki, l-issekondar ta' maġistrati ta' kollegament, u l-promozzjoni tal-adeżjoni mal-konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa. Ġew rikonoxxuti azzjonijiet speċifiċi mwettqa mill-Eurojust f'diversi reġjuni, bħall-Balkani tal-Punent, il-Mediterran u l-Amerka Latina. Ġew enfasizzati wkoll l-inizjattivi li għaddejjin u dawk ippjanati, inkluż id-djalogi ta' livell għoli.

F'Settembru 2025, il-Grupp ta' **Esperti tan-Network Ġudizzjarju Ewropew dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE** kellu l-ewwel laqgħa ta' tnedija tiegħu li ffukat fuq il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u d-definizzjoni tal-metodoloġija ta' ħidma tal-grupp. F'Settembru 2025, il-**COPEN Materji Ġenerali** kompli d-diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill, inkluż stedina lill-Kummissjoni biex tagħmel pakkett ta' informazzjoni għal pajjiż ta' prijorità, u diskussjonijiet dwar negozjati għal ftehimiet bejn l-UE u għadd ta' pajjiżi terzi dwar il-kooperazzjoni mal-Eurojust, inkluż l-eżami ta' ftehimiet proviżorji fil-livell tekniku u s-sitwazzjoni attwali ta' negozjati oħra. F'Novembru 2025 il-CATS kellu diskussjoni dwar kif tista' tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-Amerka Latina.

F'Novembru 2025 in-Network Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) stabbilixxa **grupp ta' esperti ta' Punti ta' Kuntatt tan-NĠE** li jittrattaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi mhux tal-UE, iffoka fuq l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki u sfidi li l-Punti ta' Kuntatt jidentifikaw fil-kooperazzjoni tagħhom ma' pajjiżi mhux tal-UE. Matul it-tieni **Plenarja tal-EJOCN** ingħatat preżentazzjoni dwar l-eżitu tal-**Laqgħa Reġjonali tal-EJOCN u EL PACCTO** segwita minn diskussjonijiet ta' esperjenzi u prattiki dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi.

---

<sup>32</sup> ST 11333/24

Din il-kwistjoni ġiet indirizzata wkoll fid-djalogi mas-sħab internazzjonali inkluż waqt il-**Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja UE-Stati Uniti** dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni f'Ottubru 2024 u f'Ottubru 2025 matul il-**Forum Ministerjali UE-Balkani tal-Punent dwar il-ĠAI**, fejn l-UE u s-sħab tal-Balkani tal-Punent kellhom diskussjoni dwar kif tista' tissaħħaħ il-kooperazzjoni għal-għieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata transfruntiera, filwaqt li jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u evidenza rilevanti.

### **Konklużjonijiet**

Il-Kunsill mistieden jieħu nota tal-progress deskritt f'dan ir-rapport u jirrikonoxxi li l-impenn kontinwu tal-UE u l-Istati Membri tagħha huwa essenzjali biex jinkiseb aktar progress tanġibbli fiż-żarmar ta' networks organizzati serji tat-traffikar tad-droga u l-prevenzjoni ta' ħsara addizzjonali relatata mad-droga għaċ-ċittadini tal-UE u s-soċjetà kollha kemm hi. Fid-dawl tal-evalwazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni attwali tal-UE dwar id-Drogi (2021-2025), it-Triju ta' Presidenzi – il-Presidenza Pollakka, dik Daniża u l-Presidenza Ċiprijotta li jmiss, f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni ħejjew pjan ta' ħidma dwar il-proċess ta' kokreazzjoni mill-Kunsill u l-Kummissjoni tal-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar id-drogi, b'diskussjonijiet tematiċi ddedikati fil-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi dwar l-istruttura ġenerali tal-istrateġija futura dwar id-drogi u dwar il-pilastri tagħha. Abbażi ta' dawk id-diskussjonijiet u l-kontributi bil-miktub mid-delegazzjonijiet, il-Kummissjoni mistennija tippubblika l-Komunikazzjonijiet tagħha dwar l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar id-Drogi u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tad-droga fit-3 ta' Diċembru 2025, u għandhom jiġu ppreżentati lill-Kunsill għall-eżami u d-definizzjoni tat-triq 'il quddiem.